MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 458/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Cutajar**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Noel Cutajar, karta ta' l-identita` numru 41277(M), talli għax-xahar ta' April 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil Mary Grace Zahra

u/jew lil inbu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(z) tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Noel Cutajar ħati u kkundannatu xahar (1) detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Noel Cutajar ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2013 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata bili tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat il-verbal tallum stess fejn il-Qorti ġiet infurmata li ġie effetwat il-ħlas opportun; rat id-dokumenti esibiti mill-appellant; rat il-verbal fejn l-Avukat Dottor Toni Abela għall-appellant iddikjara li l-appellant kien qiegħed jirrinunzja għall-aggravji tiegħu dwar il-mertu; semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena; ikkunsidrat:

**5.** Stante li saret rinunzja ta' l-aggravji mressqa fil-mertu tibqa' biss il-kwistjoni dwar il-piena. Jidher illi mhux biss l-ammont dovut għax-xahar ta' April 2013 tħallas mill-appellant iżda anke pendenzi oħra li kellu sa Mejju 2014.

**6.** Naturalment, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi susseġwenti:

**"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin**

> **ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament.”**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**6.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija iżda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar detenzjoni u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------